ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 317

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti Informazzjoni u Avviżi 12 ta' Diċembru 2008



| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | |
| | **Kummissjoni** | |
| 2008/C 317/01 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet | 1 |
| 2008/C 317/02 | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-talba u r-reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Reach) tas-sustanzi li kienu legalment fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2008 imma li m'għandhomx stat ta' dħul gradwali (1) | 2 |
| 2008/C 317/03 | Komunikazzjoni skond l-Artikolu 12 (5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifkazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali | 3 |
| 2008/C 317/04 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5317 — IBM/ILOG) (1) | 5 |
| 2008/C 317/05 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5241 — American Express/Fortis/Alpha Card) (1) | 5 |
| | IV *Informazzjoni* | |
| | INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA | |
| | **Kunsill** | |
| 2008/C 317/06 | Linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-kunċett tal-Istat Mexxej f'materji konsulari | 6 |



MT



(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Kummissjoni**

2008/C 317/07 Rata tal-kambju ta' l-euro ... 9

2008/C 317/08 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tagħti gwida dwar għajnuna mill-Istat li tikkumplementa l-finanzjament Komunitarju għall-varar tal-awtostradi tal-baħar (1) ... 10

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Kummissjoni**

2008/C 317/09 Għajnuniet mill-Istat — Franza — Għajnuna mill-Istat C 31/08 (ex N 681/06) — Għajnuna għas-salvataġġ tal-kumpanija "Volailles du Périgord" — Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE ... 13

2008/C 317/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5324 — Centrica/Segebel) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1) ... 17

2008/C 317/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5385 — Avnet/Abacus) (1) ... 18

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2008/C 317/01)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 10.7.2007 |
| Nru ta' l-għajnuna | N 322/A/06 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Misure urgenti per la prevenzione dell'influenza aviaria |
| Bażi ġuridika | Decreto Ministero delle politiche agricole e forestali del 2 maggio 2006 |
| Tip ta' miżura | Għajnuna għal investiment, għajnuna biex tingħalaq il-kapaċità ta' produzzjoni, għajnuna biex jiġi miġġieled mard epiżootiku |
| Għan | Prevenzjoni u ġlieda tal-influwenza tat-tjur |
| Tip ta' għajnuna | Sussidji diretti |
| Baġit | EUR 100 miljun (għall-miżuri kollha imniżżla fid-digriet) |
| Intensità | Tvarja skond il-miżuri |
| Tul ta' żmien (perjodu) | 26.8.2005-31.12.2006 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur tat-tjur |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ministero delle politiche agricole e forestali<br>Via XX Settembre 20<br>I-00187 Roma |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-talba u r-reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Reach) tas-sustanzi li kienu legalment fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2008 imma li m'għandhomx stat ta' dħul gradwali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 317/02)

Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) jitlob li s-sustanzi li ma jaqgħux fl-ambitu tad-definizzjoni ta' "sustanzi bi dħul gradwali" li huma mmanifatturati jew importati fil-Komunità, waħedhom, fi preparazzjonijiet jew f'artikoli, fi kwantitajiet ta' tunnellata jew iktar fis-sena jiġu rreġistrati sa mill-1 ta' Ġunju 2008 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament REACH.

Qabel ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi mingħajr dħul gradwali, hemm bżonn ta' talba lill-Aġenzija Ewropea tal-Kimiki — kif previst mill-Artikolu 26 tar-Regolament REACH. Ta' min jinnota li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament REACH li jirregola l-proċess ta' talba li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2008. Minħabba f'hekk kien impossibbli fil-prattika li sustanza mingħajr dħul gradwali tiġi rreġistrata fl-1 ta' Ġunju 2008. Barra minn hekk, ta' min jinnota wkoll li r-regolament li fih metodi ta' ttestjar għall-użu skont REACH, b'konfomità mal-Artikolu 13 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, kien adottat biss fit-30 ta' Mejju 2008.

Xi sustanzi li ġew immanifatturati legalment u/jew tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2008 jistgħu ma jikkwalifikawx bħala "sustanzi bi dħul gradwali" skont l-Artikolu 3 (20) tar-Regolament REACH. Biex jiġi evitat xkiel għall-kummerċ u l-attivitajiet ta' manifattura rigward dawn is-sustanzi, u sakemm jintwera li s-sustanza kienet legalment fis-suq Komunitarju qabel l-1 ta' Ġunju 2008, ir-reġistranti potenzjali huma mfakkra bl-obbligu li tintbagħat talba lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Għal kwalunkwe partita ta' informazzjoni speċifika nieqsa, ir-reġistrant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni. L-informazzjoni nieqsa għandha tintbagħat mingħajr l-ebda dewmien mhux dovut.

**Komunikazzjoni skond l-Artikolu 12 (5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifkazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali**

(2008/C 317/03)

Informazzjoni Tariffarja Obbligatorja ma tibqax valida minn dan il-jum jekk issir inkompatibbli ma' l-interpretazzjoni tan-nomenklatura doganali bħala riżultat tal-miżuri tariffarji internazzjonali li ġejjin:

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC1310 — rapport tal-41 Sessjoni tal-Kumitat HS):

**EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKOND IL-PROĊEDURA TA' L-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS U L-OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI EDITJATI MILL-KUMITAT HS TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA DOGANALI**

**(IL-41 SESSJONI TAL-HSC — MARZU 2008)**

**DOK. NC1310**

## Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura fl-anness tal-Konvenzjoni HS

| | |
|---|---|
| 17.01 | N/13 |
| 28.01 Noti Ġenerali | N/5 |
| 28.14 | N/16 |
| 29.16 | N/8 |
| Kapitolu 29 Lista II | N/8 |
| 30.02 | N/11 |
| 33.01 | N/12 |
| 41.01 | N/14 |
| 4101.20 Nota ta' Spjegazzjoni għas-Sotto-intestatura | N/14 |
| 57.02 | N/23 |
| 84.36 | N/26 |
| 85.08 | N/26 |
| 90.06 | N/29 |
| 90.21 | N/28 |
| 90.25 | N/15 |
| 90.27 | N/15 |

## Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni approvati mill-Kumitat HS

| | |
|---|---|
| 0210.99/1 | N/17 |
| 0902.20/1 | N/18 |
| 1517.90/3 | N/19 |
| 2208.90/3 | N/20 |
| 3504.00/1 | N/21 |
| 3907.20/3 | N/22 |
| 6110.30/1 | N/24 |
| 6211.33/1 | N/25 |
| 8504.40/2-5 | N/27 |
| 9503.00/4 | N/30 |
| 9503.00/7 | N/30 |

Informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-miżuri tista' tinkiseb mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea (rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussell) jew tista' titniżżel mis-sit ta' l-internet tad-Direttorat-Ġenerali:

http://europa.eu.int/comm/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/harmonised_system/index_en.htm

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5317 — IBM/ILOG)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 317/04)

Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5317. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

---

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5241 — American Express/Fortis/Alpha Card)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 317/05)

Fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5241. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUNSILL

## Linji gwida tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-kunċett tal-Istat Mexxej f'materji konsulari

(2008/C 317/06)

### Introduzzjoni

1. Waqt li jsegwu l-linji gwida tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2006 dwar il-protezzjoni konsulari taċ-ċittadini tal-UE fil-pajjiżi terzi (nota f'qiegħ il-paġna: dokument 10109/2/06 rev 2) u tad-dokument 10715/07 approvat mill-KPS dwar il-protezzjoni konsulari taċ-ċittadini tal-UE fil-pajjiżi terzi, dawn il-linji gwida għandhom il-ħsieb li jimplimentaw il-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta' Ġunju 2007 li għandhom l-objettiv li "isaħħu l-kooperazzjoni konsulari bejn l-Istati Membri tal-UE permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett tal-Istat Mexxej konsulari". Dawn il-konklużjonijiet jipprevedu li "f'każ ta' kriżi kbira li jkollha riperkussjonijiet konsulari u mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-ewwel nett hija responsabbiltà tal-Istati Membri li jassiguraw li ċ-ċittadini tagħhom ikunu protetti, l-Istat Mexxej irid isib mezz biex iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea jkunu mgħejjuna u għandu jikkoordina l-ħidma tal-Istati Membri fuq il-post";

2. Dawn il-linji gwida huma mfassla fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-obbligu previst fl-Artikolu 20 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif ukoll tal-kompiti ta' kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Istat Membru jerfa' r-responsabbiltà ta' Stat Mexxej fuq bażi volontarja, bil-parteċipazzjoni u l-appoġġ ħawtiel tal-Istati Membri. F'kull każ, l-Istati Membri l-oħra għandhom ikomplu jsegwu l-qagħda taċ-ċittadini tagħhom fuq il-post, jikkommunikawlhom l-informazzjoni u l-evalwazzjonijiet tagħhom tas-sitwazzjoni u jgħaddulhom rinforzi u riżorsi supplementari skont il-bżonn.

3. F'konformità mad-dokument 10715/07 approvat mill-KPS, fl-aħħar tal-perijodu ta' esperimentazzjoni li qed issir, li għandu jservi prinċipalment biex ikunu organizzati eżerċizzji ġodda, u abbażi tal-esperjenzi konkreti, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-possibbiltà li jifformalizzaw dan il-qafas permezz ta' deċiżjoni legali.

4. Dawn il-linji gwida ma jipprojbixxux forom addizzjonali ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni jew ta' koordinazzjoni, b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet partikolari li jistgħu jinqalgħu f'każ ta' kriżi kbira b'riperkussjonijiet konsulari fl-Istati terzi;

5. Il-linji gwida mhumiex legalment vinkolanti u huma indirizzati esklussivament lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Dawn il-linji gwida ġew ippublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### 1. Dikjarazzjoni tal-Istat Mexxej

1.1. Stat Membru li jkun jixtieq jidħol għall-impenn ta' Stat Mexxej fi Stat terz għandu javżah permezz tal-COREU. Din ix-xewqa għandha tiġi mgħarrfa lill-missjonijiet u l-inkarigat akkreditat li jkun hemm fil-pajjiż terz, waqt laqgħa ta' koordinazzjoni lokali.

1.2. Jekk ikun hemm żewġ Stati Membri li jkunu jixtiequ jidħlu konġuntament għall-impenn ta' Stat Mexxej fi Stat terz, huma għandhom javżawh konġuntament permezz tal-COREU. Jekk ikun hemm aktar minn Stat Mexxej wieħed, ir-responsabbiltajiet għandhom jinqasmu skont kif ikun jaqbel u l-modalitajiet tal-koordinament għandhom jiġu definiti b'mod ċar.

1.3. Jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn xi Stat Membru ieħor permezz tal-COREU fi skadenza ta' 30 ġurnata u sakemm dan ma jirrinunzjax permezz tal-COREU, l-Istat Membru jkun dikjarat Stat Mexxej fl-Istat terz ikkonċernat.

1.4. Lista ta' pajjiżi terzi fejn xi Stat Membru għandu rwol ta' Stat Mexxej hija aġġornata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill man-notifika ta' dikjarazzjoni ta' Stat Mexxej jew b'rinunzja ta' dan it-tip. Din il-lista hija ppubblikata fis-sit konsulari tas-SITCEN u mqassma b'mod regolari lill-Istati Memrbi.

1.5. F'każ ta' kriżi kbira li jkollha riperkussjonijiet konsulari fi Stat terz fejn ebda Stat ma ddikkjara lilu nnifsu Stat Mexxej, wieħed jew aktar Stati Membri jistgħu b'mod immedjat jidħlu għal dan l-impenn jekk jgħarrfuh permezz tal-COREU jew b'mezzi oħra adatti. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw l-offerta tal-Istat Mexxej f'konformità mal-punt 2.2.

## 2. **Missjonijiet ta' Stat Mexxej**

2.1. L-Istat Mexxej għandu dawn il-missjonijiet:

(a) Meta ma jkunx hemm sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istat Mexxej, permezz tal-kap tal-missjoni jew tal-inkarigat akkreditat tiegħu fil-pajjiż terz, u b'kollaborazzjoni mal-Istat li jkollu l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea għandu jikkoordina l-miżuri ta' tħejjija l-aktar importanti. L-Istat Mexxej għandu jistabbilixxi pjan ta' evakwazzjoni tal-benefiċjarji definiti fil-punt 3.1 u jinforma lir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan.

(b) F'każ ta' kriżi kbira b'riperkussjonijiet konsulari, ikun meħtieġ li l-Istat Mexxej jimplimenta l-miżuri ta' assistenza b'riżq il-benefiċjarji definiti fil-punt 3.1. L-Istat Mexxej għandu jinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar il-kriżi u l-iżvolġiment tas-sitwazzjoni. Fuq il-post, huwa d-dmir tal-kap tal-missjoni jew tal-inkarigat akkreditat tal-Istat Mexxej li jiffaċilita l-kooperazzjoni fuq il-post bejn l-Istati Membri wara li jkunu wasslu għajnuniet supplimentari bħalma huma persunal, riżorsi finanzjarji, tagħmir u timijiet mediċi, f'konformità mal-punt 5.2. Il-kap tal-missjoni jew tal-inkarigat akkreditat tal-Istat Mexxej huwa wkoll responsabbli mill-koordinament u t-tmexxija tal-operazzjonijiet ta' assistenza, tar-raggruppament u, jekk ikun il-każ, tal-evakwazzjoni lejn post sigur, bl-appoġġ tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

2.2. Meta l-Istat Mexxej jidhirlu li jkun meħtieġ li ssir evakwazzjoni tal-benefiċjarji definiti fil-punt 3.1, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri kkonċernati lokalment u fil-kapitali. L-Istati Membri kkonċernati min-naħa tagħhom għandhom jinformaw lill-Istat Mexxej dwar il-pożizzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-evakwazzjoni, u dwar ir-rieda li jibbenefikaw jew le mill-għajnuna tal-Istat Mexxej fil-kwistjoni. Jekk jiġri li Stat Membru jirrifjuta din l-għajnuna, għandu jerfa' r-responsabbiltà hu stess tal-protezzjoni taċ-ċittadini tiegħu u ta' benefiċjarji oħra li eventwalment jistgħu jużaw l-għajnuna konsulari tiegħu. Iċ-ċittadini tiegħu u benefiċjarji oħra li eventwalment jistgħu jużaw l-għajnuna konsulari jibqgħu, skont il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni, f'qagħda li jirċievu l-assistenza tal-Istat Mexxej. L-Istat Mexxej ma jkunx soġġett għall-konsegwenzi eventwali tad-deċiżjoni tal-Istat Membru li jirrifjuta l-għajnuna tal-Istat Mexxej.

2.3. Il-parteċipazzjoni tal-benefiċjarji fl-evakwazzjoni hija volontarja. F'każ ta' evakwazzjoni, ir-responsabbiltajiet tal-Istat Mexxej jintemmu meta l-persuni evakwati jaslu fil-post sigur magħżul mill-Istat Mexxej. It-teħid tal-persuni evakwati lejn post ieħor mill-post sigur magħżul mhux parti mill-missjoni tal-Istat Mexxej.

2.4. Fil-każ li l-Istat Mexxej, b'differenza ta' Stati Membri oħra, jidhirlu li jkun għadu mhux opportun li ssir evakwazzjoni, huwa għandu, bil-mezzi kollha possibbli, jġib għajnuna u jikkoordina l-azzjonijiet ta' għajnuna implimentati mill-Istati Membri l-oħra.

## 3. **Benefiċjarji**

3.1. Il-persuni kollha f'qagħda li jirċievu l-assistenza konsulari tal-Istat Membru tagħhom jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-Istat Mexxej.

## 4. **Skambju ta' l-informazzjoni** ([1])

4.1. Biex l-Istat Mexxej ikun jista' jiżgura t-twettiq tajjeb tal-missjoni kif definita fil-punt 2.1, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni strettament meħtieġa (bżonn li tkun magħrufa) għall-eżerċizzju ta' din il-missjoni, kif definit b'mod partikolari fl-Annessi I, II u III tal-linji gwida tas-16 ta' Ġunju 2006.

4.2. L-Istat Mexxej m'għandux juża din l-informazzjoni ħlief fil-qafas tal-missjonijiet li għandu fir-rwol ta' Stat Mexxej.

4.3. Din l-informazzjoni titwassal lokalment permezz tal-kapijiet tal-missjoni jew mill-inkarigat akkreditat fil-pajjiżi terzi, lill-kap tal-missjoni jew lill-inkarigat akkreditat tal-Istat Mexxej, skont l-arranġamenti definiti konġuntament.

4.4 Fil-każ li Stat Membru ma jkunx ħatar kap tal-missjoni jew inkarigat akkreditat fil-pajjiż terz, huwa għandu jgħaddi l-informazzjoni meħtieġa lill-Istat Mexxej skont l-arranġamenti definiti konġuntament.

4.5. In-nuqqas ta' informazzjoni jew informazzjoni mhux kompluta mogħtija minn Stat Membru lill-Istat Mexxej ikollha impatt negattiv fuq il-possibbiltà li l-Istat Mexxej jimplimenta l-missjoni tiegħu kif definita fil-punt 2.1. F'każ bħal dan, l-Istat Mexxej iwettaq missjoni ta' għajnuna fil-limiti tal-informazzjoni li jkollu.

## 5. **Kontribuzzjonijiet għall-Missjoni tal-Istat Mexxej**

5.1. B'konsiderazzjoni għall-prinċipju ta' solidarjetà Ewropea u f'konformità mal-fatt li l-ewwel dmir biex tkun żgurata l-protezzjoni taċ-ċittadini huwa tal-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq xieraq tal-missjoni tal-Istat Mexxej.

5.2. Abbażi ta' dan, l-Istat Mexxej jista' jitlob lill-Istati Membri l-oħra biex b'mod volontarju jagħtuh mezzi ta' għajnuna loġistika u umana fi żmien ta' kriżi. Xi rappreżentanti tal-Istati Membri jistgħu, fil-qafas tat-timijiet nazzjonali għal rispons għal kriżi, iwasslu l-appoġġ tagħhom lill-Istat Mexxej lokalment. L-Istat Mexxej jista' wkoll juża strumenti bħalma huma l-mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili, l-istrutturi għall-ġestjoni ta' kriżi tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, kif ukoll l-appoġġ loġistiku tad-delegazzjoni lokali fil-Kummissjoni Ewropea. L-Istat Mexxej u d-delegazzjoni tal-Kummissjoni kkonċernati jieħdu r-rwol tal-Kummissjoni fil-fażi ta' ppjanar. Il-persunal tal-Kummissjoni m'għandu jieħu l-ebda impenn konsulari.

5.3. L-Istat Mexxej għandu jippreżenta lill-Istati Membri rapport finanzjarju tal-ispejjeż li jkun għamel u ta' dawk li jkunu saru mill-Istati kontributuri msemmija fil-punt 5.2.

5.4 L-Istat Mexxej jista' jitlob lill-Istati Membri rimborż tal-ispejjeż li jkun għamel minħabba l-missjoni tiegħu. F'każ li ssir talba għal rimborż, l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż okkażjonati mill-missjoni tal-Istat Mexxej prorata tal-persuni megħjuna. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi stabbilita wara t-tnaqqis, jekk ikun il-każ, tal-ispejjeż imsemmija fil-punt 5.2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu rimborż għall-ispejjeż mill-persuni megħjuna abbażi tal-impenji ta' rimborż miġbura skont x'ikun possibbli li jsir mill-Istat Mexxej fil-waqt tal-operazzjoni tal-assistenza, f'konformità mad-Deċiżjoni 95/553/KE rigward il-protezzjoni ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea min rappreżentazzjonijiet diplomatiċi u konsulari.

5.5. Jekk min jibbenefika minn assistenza mill-Istat Mexxej jitlob kumpens għal danni li jkun ġarrab waqt missjoni ta' għajuna lill-Istat Mexxej, l-Istat Mexxej u l-Istat Membru tal-benefiċjarju għandhom jikkonsultaw lil xulxin u jaħsbu għal azzjonijiet supplimentari, f'konformità mad-drittijiet tagħhom u mal-proċeduri interni kif ukoll mal-liġi internazzjonali.

## 6. **Disseminazzjoni**

6.1 L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex dawn il-linji gwida jsiru magħrufa minn kull persuna li tista' tirċievi l-għajnuna konsulari tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' siti fejn jingħataw pariri lil min jivvjaġġa.

---

([1]) F'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tad-data personali miġbura u reġistrata bl-iskop li jkunu applikati dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw ir-regoli rilevanti tal-UE b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro ([1])

## Il-11 ta' Diċembru 2008

(2008/C 317/07)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3215 | TRY | Lira Turka | 2,0504 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 120,67 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,9889 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4503 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6383 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88690 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,2417 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,5800 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,3990 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5737 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,9704 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 800,54 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,2065 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,3991 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,0540 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,965 | HRK | Kuna Kroata | 7,1818 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 602,58 |
| HUF | Forint Ungeriż | 264,45 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7138 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 63,130 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7092 | RUB | Rouble Russu | 36,7912 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9865 | THB | Baht Tajlandiż | 46,345 |
| RON | Leu Rumen | 3,9138 | BRL | Real Brażiljan | 3,1663 |
| SKK | Krona Slovakka | 30,175 | MXN | Peso Messikan | 17,5615 |

([1]) *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tagħti gwida dwar għajnuna mill-Istat li tikkumplementa l-finanzjament Komunitarju għall-varar tal-awtostradi tal-baħar

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 317/08)

## DAĦLA

1. Il-White Paper "Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: żmien li niddeċiedu" tal-2001 ([1]) introduċiet il-kunċett ta' "awtostradi tal-baħar" bħala servizzi ta' trasport ta' livell għoli bbażati fuq trasport bil-baħar għal distanzi qosra. L-awtostradi tal-baħar huma magħmula minn infrastruttura, faċilitajiet u servizzi li jkopru tal-inqas żewġ Stati Membri. L-awtostradi tal-baħar għandhom l-għan li jeqilbu proporzjon sinifikanti tat-trasport tal-merkanzija mit-triq għall-baħar. L-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom se tgħin biex jintlaħqu żewġ għanijiet ewlenin tal-Politika Ewropea tat-trasport, li huma t-tnaqqis tal-konġestjoni fit-toroq u t-tnaqqis tal-effett fuq l-ambjent mit-trasport tal-merkanzija. Ir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-White Paper ([2]) thares lejn il-problema li dejjem qed tiżdied tal-konġestjoni fit-toroq, li qed tiswa lill-Komunità madwar 1 % tal-PDG, u t-theddida mit-trasport tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fir-rigward tal-miri ta' Kjoto u terġa tikkonferma l-importanza tal-awtostradi tal-baħar.

## GĦAJNUNA KUMPLEMENTARJA MILL-ISTAT GĦALL-PROĠETTI MARCO POLO II "AWTOSTRADI TAL-BAĦAR"

2. Il-Kapitolu 10 fil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ([3]) jippermettu li, f'ċerti kundizzjonijiet, servizzi qosra bil-baħar tal-merkanzija, ġodda jew imtejba, ikollhom għajnuna tal-bidu li ma ddumx aktar minn tliet snin u b'intensità massima ta' 30 % tal-ispejjeż operattivi u 10 % tal-ispejjeż f'investimenti.

3. It-tieni programm "Marco Polo" (minn hawn 'il-quddiem Marco Polo II) stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabilixxi t-tieni programm "Marco Polo" sabiex tingħata għajnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema ta' trasport tal-merkanzija (Marco Polo II) u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 ([4]) huwa wieħed miż-żewġ strumenti finanzjarji Komunitarji li direttament u espliċitament jappoġġaw l-awtostradi tal-baħar, bħala wieħed mill-ħames azzjonijiet li huma appoġġati sabiex jiġi evitat it-traffiku jew biex it-traffiku jinqeleb mit-triq għal mod ieħor. Marco Polo II jagħti appoġġ l-aktar lill-parti tal-awtostradi tal-baħar li tittratta s-servizzi. Dak l-appoġġ huwa attribwit permezz ta' sejħiet anwali għal proposti indirizzati lill-parteċipanti fl-industrija. L-appoġġ finanzjarju allokat huwa llimitat bl-għotjiet disponibbli taħt il-programm Marco Polo. Fondi għall-awtostradi tal-baħar jistgħu jingħataw ukoll permezz tal-Politika Reġjonali.

4. Skont l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru (KE) 1692/2006, fil-qafas tal-programm Marco Polo II "Azzjonijiet tal-awtostradi tal-baħar" huma, taħt ċerti kundizzjonijiet, eliġibbli għal assistenza finanzjarja Komunitarja b'intesità massima ta' 35 % tal-ispejjeż totali biex ikun stabilit u jitħaddem is-servizz ta' trasport u għal tul massimu ta' 60 xahar, kif inhu stipulat fl-Anness I, il-punti 1(a) u 2(a) tal-kolonna B.

5. L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1692/2006 jaqra: *L-assistenza finanzjarja tal-Komunità għall-azzjonijiet koperti mill-Programm m'għandhiex twaqqaf dawk l-azzjonijiet milli jirċievu assistenza Statali, fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sakemm din l-għajnuna tkun kompatibbli ma' l-arranġamenti dwar l-għajnuna mill-Istat mniżżla fit-Trattat u fil-limiti kumulattivi stabbiliti għal kull tip ta' azzjoni stipulata fl-Anness I.*

6. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1692/2006, għalhekk, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jikkumplementaw il-finanzjarjament Komunitarju billi jallokaw ir-riżorsi finanzjarji tagħhom għall-proġetti magħżula skont il-kriterji u l-proċeduri stabbiliti f'dak ir-Regolament, fil-limiti stipulati fir-Regolament. L-oġġettiv tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1692/2006 huwa li jagħmilha possibbli

([1]) COM(2001) 370.
([2]) COM(2006) 314 finali: Il-Komunikazzjoni mill-Kumissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-White Paper tat-Trasport tal-2001 tal-Kummissjoni Ewropea".
([3]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni K(2004) 43, ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3.
([4]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 1.

lill-impriżi interessati fi proġett li jkunu jistgħu jorbtu fuq ammont prediterminat ta' fondi pubbliċi irrispettivament minn fejn ikun ġej. Fil-fatt, jista' jkun il-każ li r-riżorsi finanzjarji tal-Komunità allokati bir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 mhumiex suffiċjenti biex jipprovdu l-appoġġ massimu possibli għall-proġetti kollha magħżula. Attwalment, jekk f'sena partikolari jiġu ppreżentati għadd kbir ta' proġetti validi, ċerti proġetti jistgħu jingħataw ammont limitat ta' finanzjarjament Komunitarju. Għalkemm il-fatt li jkun hemm għadd kbir ta' proġetti magħżula jkun sinjal ta' suċċess għall-Marco Polo II, dan is-suċċess jista' jkun fil-periklu jekk l-impriżi involuti jkollhom jirtiraw is-sottomissjoni tagħhom jew ikunu skoraġġuti minn sottomissjonijiet fil-futur minħabba n-nuqqas ta' fondi pubbliċi, meħtieġa fil-bidu tas-servizzi rilevanti. Barra minn hekk, l-iffissar ta' ammont predeterminat ta' fondi pubbliċi li wieħed jista' joqgħod fuqhom huwa bżonnjuż għall-offerenti potenzjali.

7. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni nnuttat li fost il-partijiet interessati u l-awtoritajiet tal-Istati Membri hemm dubji dwar il-possibbiltà kemm dawk tal-aħħar jagħtu għajnuna komplementari mill-Istat lill-proġetti Marco Polo II li tmur lil hinn minn dak li huwa permess għal trasport bil-baħar għal distanzi qosra skont il-Kapitolu 10 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-iskemi tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu huma daqsxejn differenti minn dawk tal-Marco Polo II. Il-Linji Gwida jipprovdu għal intensità massima ta' 30 % tal-ispejjeż operattivi (35 % tal-ispejjeż totali fil-Marco Polo II) u tul massimu ta' tliet snin (meta mqabbel ma ħames snin skont il-Marco Polo II). Differenzi bħal dawn probabbilment fixklu lill-offerenti potenzjali fl-azzjonijiet tal-awtostradi tal-baħar.

8. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tul massimu u l-intensità tal-għajnuna mill-Istat u finanzjament Komunitarju għal proġetti li ġew magħżula skont ir-Regolament għandhom ikunu l-istess. Għalhekk, abbażi tal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat, fl-assenza ta' finanzjament Komunitarju, jew safejn mhuwiex kopert b'finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni ħa tawtorizza għajnuna tal-bidu mill-Istat għall-proġetti Marco Polo II "Awtostradi tal-baħar" b'intensità massima ta' 35 % tal-ispejjeż operattivi u għal tul massimu ta' ħames snin ([1]). L-istess se japplika għall-proġetti magħżula taħt il-Marco Polo II li finalment il-finanzjament għalihom huwa pprovdut mill-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali ([2]) (ERDF) jew il-Fond ta' Koeżjoni ([3]).

9. Għajnuna tal-bidu għall-ispejjeż operattivi ma tistax tkun iżjed mit-tul u intensità msemmija hawn fuq, irrispettivament mis-sors tal-fondi. L-għajnuna ma tistax tkun akkumulata ma' kumpens minn servizz pubbliku. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-istess spejjeż eliġibbli ma jistgħux jibbenifikaw minn żewġ strumenti finanzjarji Komunitarji.

10. L-Istati Membri jkun jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-għajnuna mill-Istat li jkunu bihsiebhom jagħtu abbażi tal-komunikazzjoni preżenti lill-proġetti magħżula skont ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006.

**GĦAJNUNA KUMPLEMENTARJA MILL-ISTAT GĦALL-PROĠETTI TEN-T "AWTOSTRADI TAL-BAĦAR"**

